MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 122/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Walter Spiteri)**
**Vs**
**Mario Attard**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'gurnata f'Jannar u l-bidu ta' Frar, 2007, u fi zminijiet ta' wara, l-kwerelat biddel ic-cilindru tas-serratura ta' garaxx li huwa parti minn binja li tinsab fil-barriera enumerata 41, Valletta Road, limiti ta' Imqabba, w huwa cahhad lill-kwerelanta mid-dritt ta' access ghal imsemmi garaxx, kif ukoll cahhad lill-kwerelanta w lill-familjari taghha milli jaccedu ghal propjeta' taghhom li tinsab fl-istess garaxx, senjatament, truck tal-marka TK, generator u spare parts tat-truck, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 t'April, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuza kif dedotta w ikkundannatu multa ta' tlett mitt Euro (€300) u b'applikazzjoni tal-Artikolu 377 tal-Kap. 9, ordnat lill-appellant sabiex sa zmien xahar jghaddi lil Joseph Attard ic-cwievet in kwistjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta' Mejju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-bierah li bih l-appellant impenja ruhu illi jikkonsenja lill-ommu Angela Attard ic-cavetta tal-garage in meritu mhux aktar tard mit-tmienja ta' filghaxija tal-bierah 2 ta' Lulju, 2008.

Rat illi fl-udjenza tal-lum il-Qorti giet infurmata illi l-konsenja ta' din ic-cavetta saret u inoltre fil-presenza tal-Qorti saret ukoll konsenja ohra lil Angela Attard ta' cavetta tal-katnazz ta' barra.

Semghet kemm lil Angela Attard kif ukoll lil Joseph Attard, hu l-appellant, jiddikjaraw seduta stante illi huma sodisfatti pjenament ghal dak li jirrigwarda l-pretenzjoni taghhom biex ikollhom access ghal garage in meritu li jissemma fic-citazzjoni w li ghal dak li jirrigwarda lilhom huma jahfru lill-appellant.

Rat in-nota tal-istess appellant li biha rrinunzja ghall-aggravji kollha tieghu hlief ghal dak li jirrigwarda l-piena.

Ikkonsidrat

Illi f'din il-vertenza bejn membri tal-istess familja dwar access ghal garage li jinsab fil-barriera numru 41, Valletta

Road, limiti ta’ l-Imqabba, jidher illi kien hemm ghal certu zmien certa pika bejn il-membri tal-istess familja li wasslet biex l-appellant cahad l-access ghal xi ambjenti li kien hemm fl-istess barriera.

Illi pero’ din il-vertenza issa tidher li giet komposta amikevolment billi l-istess appellant ta c-cavetta tal-garage in kwistjoni w anki ta’ kancell li jinsab maghluq b’katnazz gdid fl-ambjent tal-istess barriera lill-parte civile w ghalhekk jidher li f’dan il-kaz, in vista’ ta’ dan l-izvilupp posittiv li ntlahaq biss fl-istadju tal-appell, ghandu jkun hemm temperament fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata b’dana illi tikkonfermaha bejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu w tirrevokaha fejn l-appellant gie kkundannat multa ta’ tlitt mitt Euro (€300) u b’applikazzjoni tal-artikolu 377 tal-Kap. 9 gie ordnat li sa zmien xahar jaghti lil Joseph Attard ic-cwievet in kwistjoni w minflok, wara li rat l-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tillibera lill-appellant inkondizzjonatament.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------